TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Kevin Borg

vs

Cutajar Limited

CCT 140/19/MS

17 ta' Ġunju 2020

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fit-8 ta' Ottubru 2019 fejn talab ir-rifuzjoni ta' hamsin Euro (€50.00) oltre hlas ta' gurnata xoghol wara li xtara GPS mis-socjeta' intimata, liema GPS ma bediex jiffunzjona tajjeb.

Ra illi s-socjeta' intimata debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh la ressqet risposta u lanqas dehret quddiem dan it-Tribunal biex taghti l-versjoni taghha.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-process.

Sema' x-xiehda guramentata tar-rikorrent.

Ra illi fis-seduta tas-26 ta' Frar il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

Ra illi ma kien hemm l-ebda ostakolu ghal prolazzjoni tas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi ill r-rikorrent xtara GPS minghand is-socjeta' intimata u uzah darba meta tela' l-Ingilterra. Meta gie biex jerga' jsiefer dan ma xeghelx. Fit-23 ta' Lulju 2019 ha l-GPS ghand is-socjeta' intimata ghat-tiswija u meta xeghelu ghalkemm beda jillowdja ma kienx qed izomm *charge*. Xeghelu quddiem is-salesman u meta ra li ma kienx qed jiffunzjona tajjeb hallieh hemm. Rega' mar ghalih it-tieni darba u sab illi kienu nehhewlu l-mapep kollha tal-Ewropa u hallew biss dawk ta' Malta u tal-Italja u ghalhekk rega' halla l-GPS ghandhom. Meta mar it-tielet darba u fetah il-kaxxa induna illi l-GPS li tawh kien fi stat traskurat u s-*serial number* ma kienx jaqbel ghal kollox mal-kaxxa orignali u l-mudell kien differenti. Talab flusu lura ghaliex ma riedx jaccetta l-GPS li kienu tawh meta deher fic-car illi s-*serial number* ma kienx jaqbel. Is-socjeta' intimata ma accettatx it-talba.

Apparti l-prezz tal-GPS (€50.00) ir-rikorrent qed jitlob ukoll il-hlas ta' gurnata xoghol ikkalkulat fis-somma ta' €64.00.

Illi kif gja nghad, hadd ma deher ghas-socjeta' intimata ghad li kienet notifikata b'dawn il-proceduri. Ghalhekk it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni ohra li b'xi mod tikkontrasta ix-xiehda guramentata tar-rikorrent.

Illi r-rikorrent qed jitlob l-ammont ta' hamsin Euro u spejjes ohra relatati ma' gurnata xoghol. Illi ghalkemm ir-rikorrent ma pprezentax ircevuta ta' dak li hallas ghal GPS, it-Tribunal jaccetta bhala veritjera ix-xiehda tieghu li ma gietx kontradetta mis-socjeta' intimata. Pero' ma jiidhirlux li ghandu jakkorda spejjes ohra relatati ma' xoghol mitluf meta r-rikorrenti lanqas gab prova illi jahdem jew fejn jahdem. Apparti l-fatt illi kien ir-rikorrent li fetah dawn il-proceduri, fejn allura l-presenza tieghu kienet essenzjali biex it-talba tieghu tigi kkunsidrata.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jilqa' in parte it-talba tar-rikorrent u jikundanna l-socjeta' intimata ihallsu s-somma ta' hamsin Euro (€50.00). Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

Avv. Michela Spiteri
Arbitru